**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 154/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Roque (Ronnie) Polidano**

Illum 30 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Roque (Ronnie) Polidano detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 578362(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-29 ta' Novembru 2011 u kif ukoll fil-ġranet u x-xhur ta' wara, fir-raba magħrufa bħala Ta' Germun u Tal-Geddum fil-limiti ta' Ħal Safi, eżattament fir-razzett, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu fixkel lil Carmen Polidano fil-pussess ta' ħwejjiġha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Mejju, 2019 fejn wara li rat l-artikolu 58 tal-Kodici Kriminali, sabet lil-imputat ħati tal-akkuża kif dedotta kontra tiegħu, kkundannatu jħallas multa ta' €300 u ordnat li jirriprestina dak li allegat il-kwerelanti Carmen Polidano taħt id-direzzjoni tal-Perit Valerio Schembri fi

żmien tlett (3) xhur mil-lum u fin-nuqqas għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Roque sive Ronnie Polidano tat-30 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din l-Qorti:

1) Tannulla s-sentenza appellata u sabiex ma tipprivax lill-esponenti mid-dritt ta' 'doppio esame' tordna lir-Reġistratur jibgħat l-atti lill-Ewwel Qorti biex terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda tal-istess kwerelanta Carmen Polidano, liema xhud għandha tiġi debitament traskritta u l-appellant jerġa' jitpoġġa fl-istat li kien fis-seduta tat-12 ta' Ġunju, 2012, ossia qabel ma xehdet il-kwerelanta;

2) Fin-nuqqas illi l-ewwel talba tiġi milqugħa, li tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-esponenti mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

3) Fl-eventwalita' li l-ebda waħda mit-talbiet tal-appellant ma tiġi milqugħa li tirriforma l-piena għal waħda iktar ekwa u ġusta.

Rat l-aggravji mqanqla mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet il-provi.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra dwar l-aggravji imqanqla mill-appellant Roque Polidano, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax mankanza procedurali serja fid-decizjoni impunjata.

Illi l-appellant kien akkuzat bir-reat ta' 'l hekk imsejjah *raggion fattasi*. Id-disposizzjoni tal-Kodici Kriminali li jikkontempla dan ir-reat huwa l-artikolu 85. Issa minn qari tad-decizjoni impunjata jirrizulta illi fil-parti decizorja, meta giet biex issib htija fl-appellant, l-Ewwel Qorti x'aktarx erronjament indikat l-artikolu 58 tal-Kodici Kriminali li ma ghandu xejn x'jaqsam mal-imputazzjoni addebitata lill-appellant billi din id-disposizzjoni tal-ligi tirreferi ghar-reat tal-kongura kontra l-Istat.

Il-Qorti ghalhekk hija idejha marbuta u ma tistax hlief tissolleva *ex officio* in-nullita tad-decizjoni impunjata li taghmel referenza ghal reat mhux indikat fic-citazzjoni u li ma ghandu xejn jaqsam mal-fattispecje ta' dan il-kaz. Dan ghaliex ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx rispettati meta hemm stipulat illi s-sentenza: *"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>"*.

Premess dan allura,

> **"ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi (**f'dan il-kaz addirittura id-disposizzjoni espressa tal-ligi**) zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" [10.6.94] , "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra " [26.5.94]; "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" [23.6.1995] u ohrajn.)"[1]**

[1] Il-Pulizija vs Christopher Scerri App. Inf. 01/11/2007.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravvji sollevati mill-appellant u tghaddi biex tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali tordna it-trattazzjoni mill-gdid fil-mertu tal-kaz.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Jocye Agius

Deputat Registratur